# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-2 ta' Frar, 2017.**

**Fil-Qorti Civili**
**(Sezzjoni Familja)**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni**
**f'kaz ta' separazzjoni personali**
**li jinibixxi socjeta` kummercjali**
**Numru 12/17**
**fl-ismijiet:**

**Pauline Seychell**
**(I.D. Numru 514278 M)**

**vs.**

**Baldassere *sive* Dasser Seychell**
**I.D. Numru 335277 M**
**bin Carlo Seychell u Agnes nee` Attard**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat is-16 ta' Jannar, 2017, (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet taghha datat ukoll is-16 ta' Jannar, 2017, (ara foll 1 u 5), li permezz tieghu iddikjarat is-segwenti:

2.1. Illi kienet qed tilqa' provizorjament it-talbiet tar-rikorrenti;

2.2. Illi appuntat l-istess mandat ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, bid-dritt ghar-risposta skont il-ligi, da parte tal-intimat;

3.0. Rat il-verbal datat l-1 ta' Frar, 2017, li permezz tieghu, fil-presenza tal-intimat, l-abbli rapprezentant legali tal-intimat infurmat lill-qorti:

3.1. Illi l-intimat m'ghandu l-ebda intenzjoni ixejjen il-komunjoni tal-akkwisti ghad-detriment tar-rikorrenti, u

3.2. Illi ghalhekk, l-istess intimat kien qieghed jirrimetti ruhhu ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 10);

Ikkunsidrat:

4.0. Illi permezz tal-istess rikors fuq riferit ir-rikorrenti sintetikament talbet is-segwenti:

4.1. Illi l-intimat ghandu l-maggoranza tal-ishma li tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti fis-socjeta` *Engrade Catering Company Limited* – CC0790, (ara foll 1);

4.2. Illi jinhareg il-mandat in dizamina biex jimpedixxi lill-intimat milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi, kemm b'titolu oneruz jew gratuwitu, xi proprjeta` immobbli jew jeddijiet marbutin maghha, b'mod partikolari ma' *Salvino's Restaurant*, ta' 32, Triq l-Arcisqof, Valletta, (ara foll 1 u 2);

Ikkunsidrat:

5. Illi in vista tal-verbal tal-intimat datat l-1 ta' Frar, 2017, fuq indikat, (ara paragrafu numru tlieta, (3.), aktar qabel), din il-qorti tqis li l-istess intimat esprima r-rieda tieghu li permezz taghha ma kienx qed jopponi ghat-talbiet tar-rikorrenti;

**DECIDE:**

6.0. Illi in vista tal-premess tqis li r-rikorrenti issodisfat ir-rekwiziti legali mehtiega ghall-hrug tal-mandat in dizamina, u konsegwentement:

6.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

6.2. Tvarja d-digriet precedenti taghha datat is-16 ta' Jannar, 2017, billi issa tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'mod permanenti;

6.3. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**